A.L. 30 ta' l-1999

ATT TA' L-1998 DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (ATT NRU. XXIII TA' L-1998)

Regolamenti ta' l-1999 li Jemendaw il-Ħmistax-il Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 57 u 75 ta' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1999 li Jemendaw il-Ħmistax-il Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Emenda Nru. 2); liema Ħmistax-il Skeda qegħda hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti tissejjaħ "l-Iskeda".

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1999.

Iżid it-Taqsima D ma' l-Iskeda.

2. Minnufih wara t-Taqsima Ċ ta' l-Iskeda għandha tidħol din it-Taqsima ġdida li ġejja:

"Taqsima D

Artikolu 57 2(a)

Aġenti ta' l-Ivvjaġġar

Tifsir

1. F'din it-Taqsima -

(a) "servizz imsemmi" tfisser xi servizzi li ġej:

(i) akkomodazzjoni f'Malta lil jew għall-użu minn persuni li ma jkunux normalment residenti f'Malta f'fondi liċenzjati bis-saħħa ta' l-Att dwar il-Lukandi u l-Istabbilimenti li Jipprovdu Ikel (Kap. 197), jew ta' l-Att

dwar il-*Guest Houses* u Postijiet *Furnished* għall-Btala (Kap. 240), jew ta' xi liġi oħra li tissostitwihom, li tinkludi ikliet u servizzi magħdudin fil-prezz imħallas għal dik l-akkomodazzjoni;

(ii) trasport, minbarra trasport internazzjonali, li jintuża f'Malta minn persuni li ma jkunux normalment jgħixu f'Malta u faċilitajiet anċillari provduti ma' dak it-trasport;

(iii) faċilitajiet għal laqgħat li jsiru f'Malta mogħtija lil persuni li jkunu stabbiliti barra minn Malta, inkluż l-użu għall-għan ta' dawk il-laqgħat ta' swali, uffiċċji, apparat li jintuża fl-uffiċċju, servizzi ta' segretarji u servizzi ta' interpreti;

(iv) il-provvista ta' servizzi ta' *tour leaders* u gwidi tat-turisti;

(v) servizzi ta' *tourist handling*;

(vi) ħarġiet minn ħames persuni jew iktar għal-postijiet f'Malta organizzati minn persuna fit-tmexxija ordinarja tan-negozju tagħha, inkluża l-provvista ta' kull trasport, ikel, divertiment u servizzi ancillari biex jiġu użati minn dawk il-persuni għall-għan ta', jew matul dawk il-ħarġiet u li jkunu provduti bħala parti minn transazzjoni waħda;

(vii) is-servizzi ta' aġent ta' l-ivvjaġġar fl-akkwist ta' xi servizz elenkat f'dan is-subparagrafu;

(b) "aġent ta' l-ivvjaġġar" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha mogħtija fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar l-Aġenziji ta' l-Ivvjaġġar u Servizzi tal-Lukandi (Kap. 264), jew f'xi Att ieħor li jissostitwih: iżda meta tirreferi għal persuna stabbilita` barra minn Malta, din it-tifsira għandha tiftiehem daqslikieku r-referenza għal liċenzja kienet imħollija barra;

(ċ) "ħarġa" tfisser is-servizzi imfissra fis-subparagrafu (vi) tal-paragrafu (a) ta' din il-partita;

(d) frażijiet oħra għandu jkollhom, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor, l-istess tifsir mogħti lilhom fl-Att.

Servizzi imsemmija provduti fi transazzjoni waħda

2. Il-provvista ta' tnejn jew iktar mis-servizzi imsemmija bħala parti minn transazzjoni waħda għandha titqies bħala provvista waħda ta' servizzi msemmija.

Lok ta' provvista

3. Servizz imsemmi għandu jitqies bħala li jkun seħħ fil-pajjiz fejn l-aġent ta' l-ivvjaġġar li jipprovdi dak is-servizz ikun stabbilit:

Iżda servizzi imsemmija provduti lil jew għall-benefiċċju ta' persuna biex ikun użati minn dik il-persuna barra minn Malta għandhom jitqiesu bħala servizzi provduti barra minn Malta.

Żmien ta' provvista

4. Fejn provvista li titqies bħala provvista waħda ta' servizzi skond din it-Taqsima tkun tinkludi il-provvista ta' akkomodazzjoni, iż-żmien tal- provvista imsemmija għandu jiġi stabbilit skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 8 ta' dan l-Att.

Trasport internazzjonali

5. Is-servizz ta' aġent ta' l-ivvjaġġar fl-akkwist ta' trasport internazzjonali għandu jitqies għall-għanijiet kollha ta' dan l-Att bħala provvista ta' trasport internazzjonali.

Kreditu għal 'input tax' għall-provvisti prenotati qabel id-data effettiva

6. (1) Din il-partita tapplika għal kull servizz imsemmi li jissodisfa l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin, jiġifieri:

(a) li jiġi provdut minn aġent ta' l-ivvjaġġar fid-data effettiva jew wara, iżda mhux iżjed tard mill-31 ta' Ottubru, 1999;

(b) li jkun ġie prenotat mill-aġent ta' l-ivvjaġġar qabel id-data effettiva;

(ċ) li jiġi provdut fl-istess qagħda li fih ikun ġie akkwistat minn dak l-aġent ta' l-ivvjaġġar.

(2) Meta l-*output tax* għal xi żmien ta' taxxa ta' aġent ta' l-ivvjaġġar tkun tinkludi taxxa li għandha titħallas minn dak l-aġent ta' l-ivvjaġġar dwar servizz li għalih tapplika din il-partita, dak l-aġent ta' l-ivvjaġġar ikollu d-dritt li jitlob għal dak iż-żmien ta' taxxa ammont bħala kreditu ta' *input tax* li jkun ekwivalenti għal ħamsa u erbgħin fil-mija ta' l-*output tax* li għaliha jirreferi dak is-servizz.

Iżda ebda talba kif imsemmija hawn aktar qabel ma għandha tkun permessa jekk dak l-aġent ta' l-ivvjaġġar ma jkunx ħares id-dispożizzjonijiet tal-partita 7 ta' din it-Taqsima u kull ordni jew talba magħmula skond id-dispożizzjonijiet tal-partiti 8 u 9 ta' din it-Taqsima.

(3) Il-kreditu għal *input tax* li jista' jintalab skond il-paragrafu (2) ta' din il-partita għandu jkun b'żieda ma' kull *input tax* li tista' tintalab minn dak l-aġent ta' l-ivvjaġġar skond id-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att.

Dikjarazzjoni li tinbagħat mad-denunzja

7. Aġent ta' l-ivvjaġġar li jitlob, għal xi żmien ta' taxxa, kreditu ta' *input tax* skond il-partita 6 ta' din it-Taqsima għandu, flimkien mad-denunzja għal dak iż-żmien ta' taxxa, jagħmel dikjarazzjoni, li tkun ċertifikata minn *certified public accountant* u awditur, li turi:

(a) l-ammont ta' kreditu ta' *input tax* hekk mitlub;

(b) il-valur taxxabbli tas-servizzi msemmija li dwarhom dak il-kreditu ikun qiegħed hekk jiġi mitlub;

(ċ) l-*output tax* li għandha titħallas fuq dawk is-servizzi msemmija; u

(d) id-dikjarazzjoni li ġejja, li għandha tkun iffirmata mill-aġent ta' l-ivvjaġġar jew mir-rappreżentant leġittimu tiegħu:

"Niddikjara li s-servizzi li l-valur taxxabbli tagħhom jidher f'din id-dikjarazzjoni jikkwalifikaw bħala servizzi msemmija skond it-Taqsima D tal-Ħmistax-il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, u li dawn kienu ġew prenotati qabel l-1 ta' Jannar, 1999. Niddikjara wkoll illi l-*output tax* li tidher f'din id-dikjarazzjoni hija inkluża fl-*output tax* kif dikjarata fid-denunzja li magħha tinsab mehmuża din id-dikjarazzjoni".

Setgħat tal-Kummissarju

8. Il-Kummissarju jista':

(a) jagħti dawk id-direttivi lil, u jeħtieġ dak it-tagħtif mingħand aġent ta' l-ivvjaġġar hekk kif huwa jista' jqis li jkun meħtieġ sabiex tkun tista' titħaddem sew din it-Taqsima;

(b) jippermetti li xi servizz li ma jkunx servizz imsemmi jiġi trattat daqslikieku kien servizz imsemmi jekk ikun provdut flimkien ma' servizz imsemmi u jekk il-valur tiegħu ma jkunx jeċċedi dak il-perċentwali tal-valur ta' dak is-servizz imsemmi hekk kif il-Kummissarju jista' jiddeċiedi dwaru.

Dokumentazzjoni

9. Aġent ta' l-ivvjaġġar għandu jżomm, b'żieda ma' kull dokumentazzjoni meħtieġa skond id-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att, kull dokumentazzjoni li jkollha x'taqsam ma' servizzi msemmija b'mod li jkunu b'mod ċar:

(a) jidentifikaw dawk is-servizzi bħala hekk;

(b) jindikaw liema servizzi u oġġetti ġew imdaħħla f'kull transazzjoni meqjusa bħala provvista unika ta' servizzi msemmija bis-saħħa ta' din it-Taqsima;

(ċ) jidentifikaw is-servizzi msemmija li dwarhom ikun intalab kreditu ta' *input tax* skond il-partita 6 ta' din it-Taqsima.".